**21 ta' Jannar, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Vincent Vella *et noe*

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Arrest Illegali – Suspett Raġonevoli – Tfittxija Illegali – Libertà tal-Persuna – Dar – Kumpens – Imgħax**

*Kawża dwar vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Ir-rikorrent allega li kien ġie arrestat illegalment u li kienet saret tfittxija illegali fuq ordni tal-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-kors tal-kawża ir-rikorrent miet u l-ġudizzju ġie trasfuż fil-persuna ta' l-eredi tiegħu. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet favur ir-rikorrent u llikwidat kumpens bl-imgħax mid-data tal-vjolazzjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat biss fis-sens li l-imgħax kellu jiddekorri mid-data tas-sentenza u għall-kumplament ikkonfermat.*

*Is-sempliċi fatt li l-Kodiċi Kriminali kien salvat bl-artikolu 47(7) tal-Kostituzzjoni ma jwassalx biex isalva l-aġir ta' l-intimati meta dak l-aġir mhux skond il-Kodiċi.*

*Inoltre l-Qorti osservat li l-mewt tar-rikorrent f'azzjoni simili ma kienx iwassal għat-telfien ta' l-azzjoni, billi d-dritt għar-rimedju, konsistenti fil-kumpens għall-vjolazzjoni sofferta, jgħaddi f'idejn l-eredi. Tali rimedju, trattandosi ta' vjolazzjoni passata jikkonsisti f'kundanna għall-ħlas ta' kumpens f'forma pekunjarja.*

*Dwar il-perkwisizzjoni l-Qorti rriteniet li kien obbligu ta' l-uffiċjali li jordna tfittxija li jinforma lill-persuna inkwiżita dwar il-perkwisizzjoni li jkun ser jagħmel. Dwar l-arrest dan kien illegali billi ma kienx hemm suspett raġonevoli li kien jiġġustifika tali pass.*

1. Il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru, 1983, fis-1.30 p.m., Vincent Vella, ir-rikorrenti, ġie arrestat u nżamm fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sal-Ħadd 4 ta' Diċembru, 1983, fil-11.10 a.m. Fit-2 ta' Diċembru, 1983, il-Pulizija għamlet tfittxija fid-dar 25, New

Street, Birżebbuġa;

2. Ir-rikorrent espona illi (a) ma nghatax raġuni għaliex ġie arrestat (b) li ġie arrestat minn persuna li ma kellhiex dak il-poter, (ċ) li ma kienx jeżisti suspett fondat ta' reat, biex jiġġustifika l-arrest u (d) l-istess arrest dam għal żmien aktar minn dak li huwa assolutament meħtieġ;

3. Minn dan kollu, ir-rikorrenti dehrlu li fil-konfront tiegħu ġew *ivvjolati* mhux biss l-artikoli 362(1), 364, 365(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali, imma wkoll id-drittijiet fundamentali tiegħu kif maħsuba fl-artikolu 35(1)(2) u 39 tal-Kostituzzjoni;

4. Jiġi mill-ewwel osservat li dawn, fid-data ta' din il-preżenti sentenzi, ġew rinumerati artikoli 350(1), 352 u 353(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali u *34(1)(2)* u *38* tal-Kostituzzjoni;

5. L-intimati kienu rrispondew (a) illi l-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat lilha mogħtija fl-artikolu 47(2) – illum 46(2) – tal-Kostituzzjoni, billi, kif jgħid l-istess sub-inċiż, hija għandha tkun sodisfatta li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu, mezzi xierqa ta' rimedju, għall-ksur allegat, skond il-liġi ordinarja; u (b) illi huma aġixxew bil-mod li tippermettilhom il-liġi fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom;

6. Fis-seduta ta' l-10 ta' Jannar, 1984, il-Qorti ordnat li l-kawża tinstema' flimkien ma' l-oħra li kellha wkoll quddiemha dakinhar. Rikors numru 129/1983, John Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija u li għalhekk il-provi li jsiru f'waħda jservu wkoll għall-oħra, jekk ikun u hekk rilevanti;

7. F'Novembru, 1987, dottor Lawrence Pullicino, li kien

il-Kummissarju tal-Pulizija fl-1983, spiċċa minn dik il-kariga, u fl-4 ta' April, 1988, issuċċedieh Alfred Calleja. Dan għalhekk fit-30 ta' Mejju, 1988, talab li huwa jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Sussegwentement l-istess Kummissarju tal-Pulizija talab fid-9 ta' Ġunju, 1989, il-kjamata in kawża ta' Dr. Lawrence Pullicino. Anki f'dan ir-rikors stess il-"Kummissarju tal-Pulizija" reġa' baqa' nnominat minħabba l-malaprassi li biha ssir biss riferenza għall-kariga okkupata minn xi persuna, anki meta l-proċeduri jkunu jinteressaw proprjament l-operat ta' persuna fiżika, li, iżda, sempliċement għaliex investita b'xi kariga pubblika, allura tissemma biss il-kariga bir-riżultat illi l-parti in kawża tispiċċa l-"kariga" flok il-persuna. Difett tan-notorja nomenklatura li sfortunatament adottajna mingħajr ebda valutazzjoni kritika – kif, għal kuntrarju kien hemm bżonn. Hemm differenza sostanzjali fil-mod kif għandhom jiġu indikati l-partijiet fil-kawżi ta' natura ċivili, kummerċjali jew amministrattiva, u dawk ta' natura kriminali – li jinkludu l-allegazzjonijiet ta' natura kostituzzjonali meta dawn imbagħad ikunu jirreferu għal kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' azzjonijiet ta' natura kriminali. Naturalment, dawn ta' l-aħħar bil-fors iridu inizzjalment ikunu, ibbażati fuq allegazzjonijiet, imma huma l-allegazzjonijiet li jikkaratterizzaw l-azzjoni;

8. Sorprendentement ir-rikorrent oppona din it-talba billi:

"... mhux sewwa li kawża urġenti terġa' tieqaf, u tibda mill-ġdid, biex jissejjaħ fil-kawża persuna fil-kwalità,tagħha privata li mhux (il-) leġittimu kontradittur fil-ġudizzju";

9. It-talba għall-kjamata in kawża baqgħet sospiża, billi

l-Qorti la laqgħetha u lanqas ma ċaħditha;

10. Fit-30 ta' Jannar, 1992, il-Qorti ta' l-ewwel grad ippronunzjat is-sentenza, fejn, wara eżami dettaljat minizzjuż u analitiku tal-provi kollha prodotti mill-partijiet, qalet hekk:

"Illi minn dana kollu joħorġu bħala ppruvati l-fatti li ġejjin:

*Omissis;*

*Ikkunsidrat:*

Illi l-Qorti, għal dik li hija r-responsabbilità ta' kull wieħed mill-intimati, ma tistax tiskarta l-fatt illi l-operazzjoni ta' l-arresti ta' l-aħwa Vella (fiż-żewġ) każijiet fuq il-post tax-xogħol tagħhom), u dik tal-perkwisizzjonijiet, fid-dar tagħhom, u, rigward John Vella, partikolarment, *dik tat-tfittix fil-ħanut*, fiż-żewġ garaxxijiet tiegħu u fuq il-persuna tiegħu, kienet ipproġettata u diretta mill-intimat Bonello, is-Suprentendent dak iż-żmien fdat b'dan ix-xogħol; l-intimat Pullicino, il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien, li bħala tali għandu, bil-liġi, il-kmand, direzzjoni u sorveljanza tal-Korp kollu tal-Pulizija ta' Malta, ma jinqalax mir-responsabbilità tiegħu għal dak kollu li sar mill-uffiċjali kollha tiegħu mmexxijin mis-Supretendent minnu stess dettaljat, saret kif saret skond id-dixxiplina, ordni u drawwiet fil-Korp, billi jixhed u jgħid illi dettalji ta' l-arresti u perkwisizzjonijiet Vella ma kellux filwaqt li *dawna kienu qegħdin* isiru. Jekk dana huwa minnu, toħroġ weħidha r-risposta, "Għajnejk imissek ftaħthom". Jekk, fil-verità, huwa, Kummissarju tal-Pulizija, ġà kellu taħt għajnejh, kif huwa xehed li kellu, ħjiel li din l-'attività sovversiva' kienet miexja, il-Qorti ma tasalx biex temmen illi meta, aktar tard,

daħlu fix-xena l-aħwa Vella, l-istess Kummissarju tal-Pulizija tħalla fid-dlam mis-Supretendent tiegħu, (skond kif xehed l-intimat Bonello), u huwa stess ippermetta li dana jsir mingħajr ma ħa ebda pass fil-mument biex ikun jaf sewwa x'qiegħed jiġri, jew, wara li ġara dak li kien ġara, ma ħax passi ta' dixxiplina kontra dak l-uffiċjal li kien ħallieh nieqes minn informazzjoni tant neċessarja għal uffiċjal għoli bħal ma huwa Kummissarju tal-Pulizija, responsabbli kif inhu għaż-żamma ta' l-ordni u l-paċi fil-pajjiż (kif joħroġ mix-xiehda ta' l-istess intimat Pullicino);

Ikkunsidrat dwar it-tielet talba tar-rikors;

Issa, li għaddew fuq it-tmien snin mill-ġranet ta' l-arresti u perkwisizzjonijiet li ssemmew, l-uniku rimedju għall-ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 34 ui 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa li l-Qorti, *arbitrio boni viri,* tillikwida u tordna l-ħlas ta' kumpens fi flus f'dak l-ammont li jkun jirrispekkja l-ħsara li Vincent Vella sofra bit-telf tal-libertà personali tiegħu minħabba l-arrest u t-tul ta' żmien li ħa, minħabba l-iskonvolġiment li ġie kkawżat lilu, minħabba l-figura li inqatgħatlu f'għajnejn sħabu tax-xogħol u s-soċjetà ta' madwaru, minħabba l-inkwiet u ansjetà li inġiebu fih, u minħabba l-intrużjoni fid-dar u fil-ħajja privata tiegħu;

Fl-aħħarnett il-Qorti trid terġa' tfakkar illi l-konsiderandi kollha f'din is-sentenza għandhom jgħoddu, sa fejn applikabbli, għall-kawża l-oħra magħmula fuq ir-rikors Numru 129/83 ta' John Vella kontra l-istess żewġ intimati fir-rikors preżenti, rikorsi li huma ttrattati ħaġa waħda;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mir-rikors ta' Vincent Vella billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-arrest ta' Vincent Vella li sar fuq ordnijiet ta' l-intimati jikser l-artikolu 34(1)(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tilqa' *t-tieni* talba u *tiddikjara* illi l-perkwisizzjoni li saret fuq ordni ta' l-intimati fuq id-dar fejn jabita l-istess Vincent Vella tikser l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u

3. Tilqa' t-tielet talba, tillikwida l-kumpens dovut lill-istess Vincent Vella fis-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) li fuqha għandhom jgħaddu *l-interessi legali* mit-*2 ta' Diċembru, 1983*, u tikkundanna lill-intimati solidalment iħallsu lir-rikorrent is-somma hekk illikwidata u l-interessi fuqha; fir-relazzjoni interna bejn l-intimati dina s-somma għandha tinqasam ugwalment bejniethom;

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-intimati, nofs kull wieħed'';

11. L-intimat Carmelo Bonello appella, u avvanza dawn ir-raġunijiet:

(a) Għalkemm is-sentenza tat diversi raġunijiet għaliex ikkunsidrat l-arrest illegali – għandu jiġi kkunsidrat illi f'dak iż-żmien, x'imkien f'Malta, kienu nstabu ħafna armi u għalhekk il-Pulizija kellha d-dritt u d-dmir ''li ssib u tfittex'' u biex tagħmel dan trid ikollha l-informazzjoni neċessarja li fuqha tista' taħdem;

(b) Li tarresta fuq ''dan'' is-suspett ma jistax jingħad li ma jkunx raġonevoli, għaliex min se jikkommetti reat dejjem jaħbi l-operat tiegħu;

(ċ) Fil-każ preżenti l-Pulizija kellha l-biża' li l-persuna indizjata se tneħħi u taħbi t-traċċi tar-reat;

(d) Illi l-ġurisprudenza hija kuntrarja għall-interpretazzjonijiet ta' l-artikoli rilevanti tal-Kodiċi Kriminali; mogħtija fis-sentenza;

(e) Li l-appellant aġixxa *in buona fede;*

(f) L-ammont ta' danni huwa eċċessiv anki skond il-kriterji tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

(g) L-interessi m'għandhomx jiddekorru mid-data tal-fatt imma minn meta ġew illikwidati;

12. Sussegwentement, fil-mori ta' l-appell, u meta l-kawża kienet diġà differita għas-sentenza, l-avukat ta' l-intimat Bonello rrinunzja għall-patroċinju tiegħu u fl-1 ta' April, 1992, ġie sostitwit bl-avukat dottor Carmelo Mifsud Bonnici *(Senior)* li barra sottomissjonijiet verbali, għamel ukoll nota ta' osservazzjonijiet, li fil-qosor, kienu dawn:

(a) Billi miet ir-rikorrenti fil-mori tal-kawża, miegħu mietu d-drittijiet fundamentali tiegħu. Dawn id-drittijiet ma jintirtux, inkwantu huma drittijiet personali;

(b) Illi l-fatt li jsemmi r-rikors oriġinali ġraw f'mument partikolari ħafna – meta l-konfrontazzjoni politika kienet aspra għall-aħħar, u naturalment:

''Fl-atmosfera densa ta' l-epoka, kien diffiċli aktar għall-Qrati li jidhru mhux ikkondizzjonati minnha u li jidhru li mhux

ippreservata u protetta. Però, fil-każ preżenti, għall-kuntrarju, dak li qed jiġi lamentat huwa li l-intimati ma aġixxewx skond dak li jipprovdu l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali – liema artikoli anzi, huma invokati bħala dawk li, fil-każ, kellhom jipproteġu d-drittijiet fundamentali tiegħu, kif dawn huma artikolati fid-diversi partijiet ta' l-ordinament ġuridiku tagħna;

Għalhekk, fil-proċediment, m'hawn xejn li jista' jattira l-impediment dirimenti ta' l-artikolu 47(7) tal-Kostituzzjoni;

16. Il-Kodiċi Ċivili, fl-artikolu 806, jiddisponi hekk:

"Il-werriet jew l-esekutur ta' waħda mill-partijiet, li tmut matul il-kawża, jew kull wieħed ieħor li jkollu interess, jista' jitlob b'rikors, li l-atti tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu, sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti mejta";

Din hija r-regola ġenerali. Din tistabbilixxi illi "il-kawża" hija kompriża fl-eredità tal-parti li mietet fil-mori tagħha, u testendi d-dritt ta' kontinwazzjoni anki għal min għalkemm mhux eredi, huwa "interessat";

Għal din ir-regola ġenerali, hemm eċċezzjonijiet li huma espressament indikati fl-istess Kodiċi Ċivili – bħal per eżempju l-artikoli 43 u 85 Kap. 16. Dawn huma azzjonijiet li jeffettwaw u jinteressaw l-*istatus* tal-persuna, u għal din ir-raġuni ma jagħmilx sens li azzjonijiet bħal dawk jitkomplew, għaliex il-mewt tiddetermina kull kwistjoni fuq daqshekk. U dan sakemm ma jkunx hemm konsegwenzi patrimonjali li jistgħu jiġu mifruda mill-kwistjoni ta' l-*istatus* – għaliex allura, għall-eredi, l-azzjoni tista' titkompla – kif proprju jikkontempla l-imsemmi artikolu 85 Kap. 16;

Fil-każ preżenti m'hawn ebda kwistjoni ta' *status*. *Dato ma non concesso*, illi Vincent Vella sofra vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, huwa akkwista d-dritt litiġjuż konċess mill-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Dan id-dritt ta' azzjoni huwa mmirat biex il-Qorti tagħti lir-rikorrent rimedju għal dak li sofra, qed isofri jew ikun se jsofri. Naturalment kieku r-rimedju, skond il-każ – ikun wieħed li huwa neċessarjament limitat u essenzjalment magħqud mal-ħajja tar-rikorrenti – bħal, per eżempju, jekk huwa jkun qed jitlob l-inibizzjoni ta' xi awtorità milli tieħu xi passi kontra tiegħu – allura huwa minnu, fil-każ speċifiku, *li l-mewt tal-parti, toqtol ukoll u neċessarjament l-*azzjoni, u d-dritt litiġjuż li kellu billi dan kien intimament marbut miegħu; – imma meta, bħall-każ preżenti, ir-rimedju li huwa inizjalment talab, huwa rimedju għal-leżjonijiet li huwa kien **diġà** sofra, huwa manifest li tali rimedju, **għalih**, ma setax ikun ħaġ'oħra ħlief ta' natura kompensatorja – kumpens li m'hemm ebda raġuni għaliex m'għandux jiġi kkunsidrat bħala parti mill-eredità tiegħu;

Għalhekk din il-pretensjoni ta' l-appellant konsegwenti għall-mewt tar-rikorrent ma tistax tiġi milqugħa;

17. Dawn ir-rimarki tal-Qorti jgħoddu wkoll b'risposta għal dak li l-intimat Bonello jissottometti fin-nota tiegħu rigward it-tifsira ta' dak li hemm fl-artikolu 46(2) billi jippretendi li:

"tista' tagħmel l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-*direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta'* kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin)..."

ma tinkludix il-ħlas ta' kumpens, kif ġie llikwidat fis-sentenza

appellata;

Dan m'huwiex korrett. L-appellant għandu jħares lejn dak li hemm fis-subinċiż preċedenti - l-(1) - ta' l-istess artikolu biex isib illi kull persuna li tħoss li tkun ġiet (passat) tkun qed tiġi (preżent) jew x'aktarx se tiġi (fil-futur) soġġetta ta' xi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali, tista':

"titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal **rimedju**";

Din il-frażi introduċiet **sanzjoni** kontra l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali li fil-maġġoranza tal-kostituzzjonijiet ta' qabel it-tieni gwerra mondjali kienet nieqsa u dawk il-vjolazzjonijiet meta kienu jirrikorru kienu joffendu d-Dritt doppjament għaliex proprju ma kienx hemm rimedju ġuridiku effettiv għalihom - kontra l-prinċipju primarju u fundamentali tal-Ġustizzja li titlob il-Kontropass;

Għall-vjolazzjoni passata - kif inhuma dawk *de quo agimur* - huwa manifest, li, fil-maġġoranza kbira tal-każijiet l-uniku **rimedju** - l-unika sanzjoni - hija l-kundanna għall-ħlas ta' kumpens f'forma pekunarja;

18. Il-perkwisizzjoni fi djar, bini jew reċinti oħra, da parti tal-Pulizija, hija rregolata mill-artikoli 350, 351 u 352 Kap. 9;

Is-sentenza appellata stabbiliet bħala fatt illi l-perkwisizzjoni fid-dar u l-garaxxijiet ma saritx fil-presenza tar-rikorrenti. Hawnhekk, dan il-fatt, m'huwiex ikkontestat mill-appellant. Is-sentenza appellata, fuq dan il-punt ikkonkludiet li anki jekk formalment ma kienx hemm ksur tal-liġi, fis-sustanza r-rikorrent xorta waħda sofra leżjoni tad-dritt fundamentali protett mill-

artikolu 38 tal-Kostituzzjoni għaliex il-perkwisizzjoni ma kinitx tassew meħtieġa, fl-isfond tas-sitwazzjoni soċjali tagħna. L-intimat, fil-paragrafu 10 tan-nota tiegħu jissottometti li, għall-kuntrarju, huwa kien intitolat li jagħmel il-perkwisizzjoni għaliex din kienet raġonevolment meħtieġa fl-interess ta' l-ordni pubbliku;

Hawnhekk din il-Qorti tiddiskosta ruħha minn dak li hemm fis-sentenza appellata rigward il-ħtieġa, li timponi l-liġi, fuq l-uffiċjal inkarigat mill-perkwisizzjoni li "**jgħarraf** lill-persuna suġġetta għall-perkwisizzjoni" kif isemmi l-artikolu 352;

Is-sentenza appellata, f'dan ir-rigward, tgħid:

"Mill-banda l-oħra, minn dik il-parti ta' l-artikolu 352 ta' l-istess Kodiċi ... fejn jingħad illi l-uffiċjal għandu jgħarraf lill-persuna soġġetta għall-perkwisizzjoni, **meta tkun hemm**, bis-setgħa tiegħu u bir-raġuni tal-perkwisizzjoni...jidher illi perkwisizzjoni fl-assenza ta' dik il-persuna hija permess...;

Tajjeb jew ħażin, fil-Kodiċi Kriminali ma hemm xejn illi seta' jippreklu di lill-intimat Bonello milli jagħmel (kif għamel) it-tfittix fid-dar fl-assenza ta' l-istess Vella; u darba li Vella ma kienx preżenti waqt it-tfittxija, l-intimat lanqas ma kellu impost fuqu l-obbligu, taħt dan il-Kodiċi, illi jinfurmah bir-raġunijiet għaliex kienet qiegħda ssir. U sa hawn, il-Qorti ma tara li kien hemm ebda vjolazzjoni ta' l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta";

19. Fuq dan il-punt din il-Qorti diġà kellha l-opportunità li turi kif għandu jiġi interpretat dan l-artikolu 352 tal-Kodiċi Kriminali; interpretazzjoni bbażata fuq is-sens li joħroġ mill-

kliem ta' l-artikolu kif oriġinarjament redatt fil-lingwa Taljana, li issa fil-perspettiva kostituzzjonali li ssopravveniet, issib aktar konfort u approvazzjoni. Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' April, 1991 fir-rikors fl-ismijiet "Tonio Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija u Supretendent Carmelo Bonello" din il-Qorti qalet hekk:

"Difatti dan l-artikolu (352) għandu jiġi abbinat ma' dak ta' qablu – artikolu 351 – sabiex il-liġi tiftiehem sewwa. Meta l-uffiċjal imur biex jagħmel perkwisizzjoni (a) jew ma jingħatax aċċess, u allura, "wara li jkun ta avviż tad-dmirijiet tiegħu u tar-raġuni li għaliha jkun mar hemm" ikun jista' jisgassa – art. 351; jew (b) jingħata aċċess u allura għandu jagħti r-raġuni lill-persuna soġġetta għall-perkwisizzjoni "billi din tkun hemm" – art. 352; jew (ċ) jaqbad u jidħol għaliex id-delitt jiġri quddiemu u jaqbdu fil-fatt – art. 352;

Din hija l-posizzjoni legali li jrid il-Kodiċi Kriminali. Il-frażi "meta tkun hemm" setgħet induċiet l-ewwel Qorti li taħseb li din tirriferixxi għall-persuna li f'moħħ l-uffiċjal tal-Pulizija tkun raġonevolment suspettata – imma din il-kwalità ta' interpretazzjoni ma tagħmilx sens. Jekk, per eżempju, ġuvni ta' għoxrin sena jkun issuspettat li qed jittraffika fid-drogi u joqgħod fid-dar ta' missieru – allura jekk id-dar tiġi perkwiżita meta jkun hemm il-missier biss – dan jiġi assoġġettat għall-perkwisizzjoni ta' daru mingħajr ma jiġi nfurmat għaliex, mentri jekk hemm jinzerta miegħu ibnu wkoll allura jsir jaf għaliex daru se tiġi perkwiżita;

Però din l-interpretazzjoni żbaljata hija deġenerazzjoni tal-posizzjoni awtentika tal-Kodiċi Kriminali tagħna kif jidher ċar mill-qari ta' dan l-artikolu fit-*test* oriġinali bit-Taljan ta' l-1854:

*'Articolo 319 – L'ufficiale della polizia esecutiva che procedesse allo arresto od alla perquisizione,* ***dovrà informare le persone soggette*** *all'arresto o* ***alla perquisizione, essendo presenti,*** *della sua autorità, e della causa dell'arresto e della perquisizione, eccetuato il caso in cui le avesse colte in flagrante'';*

20. Fil-każ preżenti – huwa ppruvat illi l-intimat u l-uffiċjali l-oħra li kienu qed jakkompanjawh għall-perkwisizzjonijiet li kienu se jagħmlu, **ma infurmawx lill-persuni suġġetti għall-perkwisizzjonijiet**. L-ewwel qorti qrat l-artikolu fis-sens singolari biss – li l-artikolu huwa rilevanti biss għar-rikorrenti, għaliex it-traduzzjoni għall-Malti tgħid "persuna" mentri mhux biss l-oriġinal kien konċepit u redatt fil-plural, imma kif intqal, huwa kontra kull *buon* sens li tirritjeni li meta ssir perkwisizzjoni dak li għandu jiġi infurmat huwa **biss** dak li fuqu jaqgħu s-suspetti ta' xi delitt, **meta l-perkwisizzjoni fir-realtà tolqot lil dawk kollha li jkunu jgħixu f'dak il-fond jew jagħmlu minnu;**

Naturalment, li l-intimat ma nfurmax lill-persuni l-oħra li sab fid-dar u l-garaxxijiet barra r-rikorrent, bir-raġuni tal-perkwisizzjoni, ma jistax jammonta għall-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrent, għaliex id-drittijiet kienu tal-persuni li kienu preżenti, però l-fatt għandu rilevanza għaliex, kif qalet l-ewwel Qorti l-assiem kollu ta' dak li ġara juri inekwivokabbilment li l-kondotta ta' l-intimat Bonello, ċertament ma kinitx animata bl-iskruplu li huwa neċessarju, skond il-liġi, fl-użu tal-poteri importantissimi u vitali għal kull persuna li tkun suġġetta għalihom dawk ta' l-arrest u tal-perkwisizzjoni;

21. U fl-istess kwadru għandha wkoll titpoġġa l-

konsiderazzjoni li tant hija faċli, li l-Qorti ma tistax tagħmel ħlief apoloġikament fir-rigward ta' l-ewwel sentenza – illi kif xehed is-Surġent tal-Pulizija 563 Joseph Galea fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 1986, il-perkwisizzjoni tad-dar fejn kien joqgħod ir-rikorrent saret **qabel** ma ġie arrestat, billi malli spiċċat, l-intimat, **li kien jaf tajjeb fejn kien qiegħed ir-rikorrenti,** ordna lis-Surġent biex imur jarrestah; mentri komportament korrett u legali da parti ta' l-intimat kellu jkun, li l-ewwel jarresta lir-rikorrenti, jieħdu f'daru, biex fil-presenza tiegħu ssir il-perkwisizzjoni, u jinfurmah b'dak kollu li kien qed jagħmel u għaliex. Dan trid il-liġi u dan b'ebda mod ma kien se jfixkel jew jintralċja – investigazzjoni effettiva tad-delitti suspettati. Imma l-intimat, sfortunatament, ma kienx animat mill-ispirtu korrett ta' l-investigatur imma minn fatturi psikoloġiċi oħra li ddeturpaw kollox. Ma tistax tingħata interpretazzjoni oħra għal anomalija stridenti fl-aġir ta' investigatur li **wara** perkwisizzjoni **negattiva** għall-armi u apparati ta' trasmissjoni "*wireless*", m'għamlu fuq l-informazzjoni **anonima** ta' informatur, jgħaddi biex jarresta lir-rikorrent. Dan juri li l-perkwisizzjoni kienet ikkonċepita bħala kolp ta' sorpriża u għad insaputa tar-rikorrent. Mentri huwa tajjeb, ġust u hekk trid il-liġi, li l-perkwisizzjoni, **kull meta huwa raġonevolment possibbli,** issir, jekk hemm bżonn b'sorpriża, **imma** bil-konoxxenza, u b'avviż kontemporanju, lill-persuni li dik il-perkwisizzjoni se tolqot;

Fil-każ preżenti, dak li sar, kien il-kuntrarju ta' dan kollu;

22. (a) Il-liġi tistabbilixxi **meta** persuna tista' tiġi arrestata, fl-artikolu 347 Kap. 9;

"Il-Pulizija Esekuttiva għandha s-setgħa li tarresta kull persuna li tkun għamlet, jew li jkun hemm suspett li għamlet

delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, minbarra d-delitti possibbli taħt l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa'';

Fil-każ preżenti, l-arrest ġie ordnat billi kien hemm suspett li r-rikorrent kien ikkommetta delitt;

Il-Kostituzzjoni – artikolu 34(1)(f) tirregola l-arrest bl-istess kliem li huma użati fl-artikolu 347 Kap. 9, biż-żieda tal-kwalifika ta' ''raġonevoli'' għal dak li huwa s-suspett, li jiġġustifika l-arrest:

''fuq suspett **raġonevoli** li huwa jkun ikkometta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali'';

Iż-żieda ta' l-aġġettiv però, effettivament, kull m'għamlet huwa li kompliet, formalment, tikkonsolida l-ispirtu li dejjem anima l-filosofija tal-Kodiċi Kriminali ta' dawn il-Gżejjer, li sa mid-data li ġie ppromulgat fl-1854 kien jirrifletti l-konċetti profondament wiesgħa u raġonevoli li jixirqu l-viżjoni fundamentali tan-natura tal-persuna umana. Il-liġi tagħna meta tafda l-poter importantissimu ta' l-arrest f'idejn l-uffiċjali tal-Pulizija, u dak il-poter testendih anki meta jkun hemm ''suspett'' mhux biss **li ġie** imma anki **li se jiġi** kommess delitt – ma tistax ma tippretendix li dak is-''suspett'' ma jkunx wieħed, leġġier jew kapriċċuż, imma tippretendi li għall-kuntrarju jrid ikun gravi u doveruż, u li jkun ''raġonevoli'' huwa verament il-minimu ta' l-esiġenza tar-''*ratio legis*'', fl-eżerċizzju ta' poter li jippriva lill-persuna wieħed mill-akbar doni li nħolqot bih – il-libertà;

(b) Issa mill-provi tal-każ konkret, – mhux kompatibbli ma' dan kollu dak li għamel l-appellant. Din il-Qorti mhix ippreparata biex, f'dan il-każ, toqgħod teżamina s-suppost **oriġini** ta' dak is-''suspett'' – l-informatur u mhux informatur.

Tikkonċedi lill-intimat il-benefiċċju li s-"suspett" ma kellux oriġini interna imma esterna. U dan għaliex la l-oriġini tas-suspett hija esterna – allura l-intimat kien jiddependi, minn dak il-mument 'il quddiem – li dak is-suspett li kellu bidu f'apparenza raġonevoli ta' possibbilità ta' verità – kellu jiġi però kontinwament ikkontrollat mill-attwalità tar-realtà – indizji, jew almenu elementi ta' konkordanza, li jagħtu xi kwalità ta' konkretezza anki minima, lis-"suspett" oriġinat minn fonti esterna għall-Pulizija;

L-intimat Bonello ma aġixxiex raġonevolment fuq is-suspett inizjali li l-"informatur" poġġielu. Il-perkwisizzjonijiet bi truppa ta' tmien pulizija fil-fondi suspetti – irriżultaw assolutament negattivi. Minn dan il-mument 'il quddiem ir-raġuni kienet tiddetta ċirkospezzjoni u prudenza kif jipproċedi, biex ikompli jinvestiga. Iżda x'għamel minflok? Flok interroga u investiga aktar – skarta u qabeż il-passi preliminari kollha u qabad u arresta lir-rikorrent. Dak li kellu jkun l-aħħar pass deċiżiv tal-proċess raġonevoli li jibda mis-suspett biex jispiċċa fil-konkretezza ta' l-arrest u l-akkuża – spiċċa biex sar it-tieni pass wara l-ewwel pass tal-vojt tal-perkwisizzjonijiet. Ir-rikorrenti wera li ma kienx għall-altezza ta' dak li trid minnu l-liġi. U dan kompla jurih li f'aktar minn erbgħin siegħa li fihom żamm lir-rikorrent arrestat – assoġġettah għall-interrogatorju komplessiv ta' anqas minn siegħa. U dan kollu ma jistax raġonevolment jissodisfa lill-Qorti li dan sar fuq suspett – anki remotament serju u raġonevoli li kienet bdiet il-kommissjoni ta' delitt serjissimu ta' "attività kontra s-sigurtà ta' l-Istat" kif kiteb il-Kummissarju tal-Pulizija lill-Prim Ministru – dokument XX – fol. 90;

Għalhekk din il-Qorti tara li kif ipproċeda l-intimat is-suspett inizjali li kellu, ma kienx **żgur, wara** l-perkwisizzjonijiet,

jiġġustifika l-arrest;

23. Il-liġi tirregola l-mod **kif għandu jsir arrest** mill-Pulizija, fl-artikolu 352 Kap. 9:

"L-uffiċjal tal-Pulizija Esekuttiva inkarigat mill-arrest jew mill-perkwisizzjoni, għandu jgħarraf lill-persuna suġġetta għall-arrest jew bil-perkwisizzjoni, meta tkun hemm, bis-setgħa tiegħu u bir-raġuni ta' l-arrest jew tal-perkwisizzjoni, kemm-il darba ma jkunx qabadha fil-fatt";

Il-provi li assodat u abbraċċjat l-ewwel Qorti, juru li fl-arrest tar-rikorrenti dak li jordna dan l-artikolu ma ġiex osservat. Vella ma ġiex mgħarraf la bir-raġuni li għaliha kien qed jiġi arrestat u lanqas infurmat b'liema awtorità kien qed jiġi arrestat minn Surġent tal-Pulizija;

Fin-nota tiegħu tat-30 ta' Ġunju, 1992, paragrafu 7, ir-rikorrent jissottometti illi, anki jekk il-fatti kienu dawk li aċċertat il-Qorti, l-infrazzjonijiet saru mis-Surġent Galea u mhux minnu. Dan huwa veru, però s-Surġent Galea mexa fuq l-istruzzjonijiet li ta r-rikorrent u għalhekk kemm ir-rikorrent kif ukoll is-Surġent Galea huma t-tnejn responsabli għall-illegalitajiet kommessi. Difatti, kif jidher mill-artikolu sussegwenti 353 Kap. 9, billi kull membru tal-Korp tal-Pulizija, għandu, fil-każijiet kongruwi s-setgħa li jarresta, b'dan kollu huwa d-dmir ta' kull uffiċjal li ta' lanqas għandu l-grad ta' spettur, li immedjatament malli jiġi infurmat minn subaltern tiegħu b'arrest, li jivverfika r-ritwalità u l-legalità ta' l-operat tas-subaltern u jekk isib xi nuqqas, li jirrimedjah biex il-liġi tiġi rrispettata, anki jekk **qabel** ma kinitx ġiet irrispettata mis-subaltern;

24. Fit-tieni (2) u t-tielet (3) paragrafi tan-nota tiegħu tat-30 ta' Ġunju, 1992, l-appellant jissottometti li s-sentenza appellata ma apprezzatx l-isfond ċirkostanzjali kollu li kienu prevalenti f'Malta, meta ġraw il-fatti msemmija fir-rikors;

Din il-Qorti fuq din is-sottomissjoni ta' l-intimat, jidhrilha illi aktar ma jinqara t-tieni paragrafu tan-nota tiegħu u aktar ma jittieħed bħal storikament veru dak li kiteb rigward l-akkużi u kontroakkużi tal-Gvern u l-Opposizzjoni fil-konfrontazzjoni politika aspra u kontinwa, u simili – li ħolqu verament żminijiet irrekwjeti u mqallba, "f'atmosfera densa" u minaċċjuża; – fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jaggravaw u mhux jimmitagaw ir-responsabbilità ta' l-intimat. U dan għaliex huwa, bħala wieħed mill-uffiċjali prinċipali li fuqhom iridu jistrieħu l-Ordni u l-Istat ta' Dritt fil-pajjiż, huwa msejjaħ u mgħajjat għall-akbar prudenza, raġonevolezza u fermezza fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu fil-ġranet imqallba u kritiċi għall-konvenjenza soċjali milli fil-ġranet normali ta' dik il-konvenjenza;

25. Il-Qorti ma tistax lanqas tikkondividi s-sottomissjoni ta' l-appellant "illi s-sentenza appellata tidher li hija l-prodott tal-konfrontazzjoni partiġġjana aspra". Mhux biss – imma tirrispinġi sdenjożament ir-rimarka assolutament infondata ta' l-appellant li l-istess sentenza "ma tidhirx li operat b'sens tal-bilanċ meħtieġ u tad-distakk dovut mill-kontroversja politika tal-mument";

Din il-kritika hija profondament inġusta għal u abbużiva tal-Qorti ta' l-ewwel grad. Din il-qorti ma mexxilhiex issib xi indizju ta' dan l-allegat nuqqas ta' bilanċ u wisq anqas, ta' nuqqas ta' distakk mill-kontroversji politiċi li ssenjaw l-1983. Biex kritika bħal din tkun ikkonsentita trid tiġi ppruvata jew

ta' lanqas iridu jiġu indikati indizji jew elementi indikattivi – biex tista' tiġi aċċettata. U xejn minn dan ma jipprova jagħmel ir-rikorrenti; kull ma jagħmel huwa li jieqaf jitfa' l-akkuża u jieqaf hemm;

L-allegat li mhux ippruvat, il-Qrati kollha huma obbligati li jinjorawh u jiskartawh u hekk se tagħmel din il-Qorti – bħala l-aħjar reazzjoni għall-intimat għaliex altrimenti jekk dak li allega u ma ppruvawx jiġi kkunsidrat oltre, allura forsi jkun ukoll il-każ ta' risposti ta' natura dixxiplinari u mhux sempliċement ta' natura argumentattiva, u għall-konsistenza din il-Qorti lanqas ma se tesponi konsiderazzjonijiet argumentattivi validissimi kontra l-allegat inġust – li minnhom hemm bosta u li l-avukat ta' l-intimat, jekk mhux hu, missu jifhimhom u jifhimhom sewwa, – u daqshekk biss, biex il-Qorti tkun konsistenti "*ad unguem*", mal-prinċipju ta' l-iskart ta' dak li mhux ippruvat;

Din il-Qorti qed tannetti ma' din is-sentenza, skeda, li turi l-andament ta' din il-kawża quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Minn eżami, anki superfiċjali tad-dati tas-seduti, tat-trapass miż-żminijiet tal-"konfrontazzjoni politika aspra" għaż-żminijiet tas-sentenza jindikaw waħedhom li l-kummenti ta' l-intimat hawn fuq riferiti, huma għal kollox infondati. L-istess andament anzi juri kemm **tbegħdet** l-ewwel Qorti minn dawk iż-żminijiet u minn dik l-atmosfera, allegatament inkriminanti, u a preġudizzju ta' l-intimat meta l-indikazzjoni, għall-kuntrarju, hija, li dak l-allontanament ma kienx proprjament konformi mal-Kostituzzjoni u għalhekk "se *mai*" a preġudizzju tar-rikorrenti. Preġudizzju li r-realtà doloruża "sopravvenuta" issiġillatlu;

26. L-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

"(1)... kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx se tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal **rimedju;**

"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna;

Iżda..."

Dan huwa l-artikolu ta' natura ġenerali applikabbli f'kull każ ta' vjolazzjoni passata preżenti jew probabbli ta' xi wieħed mid-drittijiet fundamentali. Hemm imbagħad is-subinċiż 4 ta' l-artikolu 34 li huwa ta' natura speċjali, invokat fir-rikors:

"Kull min ikun arrestat jew detenut illegalment minn xi persuna oħra jkollu dritt għal kumpens għalhekk minn dik il-persuna";

27. Hija s-sottomissjoni ta' l-intimat Bonello illi s-somma li huwa ġie kkundannat iħallas bħala kumpens lir-rikorrent, u l-interessi fuqha, u r-responsabbiltà *in solidum* ma' l-intimat,

l-ieħor għad-doppju tas-somma u ta' l-interessi li jispettaw lilu, ma jidhrux li huma ġustifikati jew indikati;

Din is-sottomissjoni tidher, in parti valida, jiġifieri f'dik il-parti li tirrigwarda l-interessi fuq l-ammont illikwidat bħala kumpens li jiddekorri mit-3 ta' Diċembru, 1983;

Il-Qorti tifhem illi l-elfejn lira (Lm2000) ġew illikwidati bħala kumpens għall-vjolazzjonijiet sofferti jiġifieri għall-illegalitajiet tal-perkwisizzjoni u ta' l-arrest. Minn analiżi ta' dak li ġara fil-kawża – ara l-iskeda li qed tiġi annessa ma' din is-sentenza – ma jidhirx li xi wieħed mill-intimati tawwal sostanzjalment l-andament tal-kawża u għalhekk ma jistax jiġi addebitat b'din il-kwalità ta' kolpa; kieku dan kien il-każ, allura, din kienet tiġġustifika addizzjoni mal-kumpens dovut, proprju għaliex il-likwidazzjoni ta' debitu tkun ġiet dilazzjonata minħabba l-ħtija tad-debitur – kif tgħid is-sentenza ta' din il-Qorti – Sede Ċivili – fl-ismijiet Perit Joseph Barbara *vs* Perit Louis Naudi *ne* tat-3 ta' Marzu, 1979, b'applikazzjoni tal-massima tad-dritt komuni *"malitiis non est indulgendum"*;

F'dan il-kuntest difatti huwa utli li jiġi kkunsidrat dak li hemm fl-artikolu 1136 Kap. 16:

"Id-debitur hu obbligat biss għal dawk id-danni li basar jew li wieħed seta' jobsor fiż-żmien ta' l-obbligazzjoni, iżda dan kemm-il darba n-nuqqas ta' l-esekuzzjoni ma jkunx ġej minn għemil doluż";

Naturalment mhux qed jingħad li dan l-artikolu jista' jiġi, f'dan il-każ, applikat għaliex hawnhekk qegħdin fil-kamp vast u diskrezzjonali tal-"kumpens" u tar-"rimedju" fid-dritt speċjali

u riċenti tad-dritt kostituzzjonali, però huwa tajjeb li jiġu rikjamati għall-attenzjoni ta' kull min huwa interessat, id-diversi direzzjonijiet li l-prinċipji ġenerali tad-dritt u anki normi singoli jindikaw, għas-soluzzjoni ġusta u ekwa ta' din il-problematika;

Għalhekk din il-Qorti jidhrilha li la r-rikorrenti qatt ma wera lill-intimati x'kumpens kien qed jippretendi lanqas dawn ma jistgħu jiġu puniti għad-danni li huma kkawżaw billi ma ħallsux il-kumpens dovut billi dan ma kinux jafuh; u ma kinux jafuh mingħajr ebda ħtija tagħhom billi lanqas ma fixklu, inordinatament, il-proċess li bih, u fih, dak il-kumpens ġie stabbilit;

L-interessi dovuti – kif se jiġi stabbilit *infra* – għandhom jiddekorru mill-ġurnata li dak il-kumpens sar magħruf;

28. Rigward il-punt l-ieħor issollevat fil-paragrafu 14 tan-nota msemmija ta' l-intimat din il-Qorti fehmet li l-kumpens akkordat mill-ewwel Qorti huwa wieħed li jikkomprendi r-rimedji għall-vjolazzjonijiet kollha li sofra r-rikorrent li espona fir-rikors;

29. Is-solidarjetà li s-sentenza appellata imponiet fuq iż-żewġ intimati, imbagħad, hija bbażata fuq dak li hemm fl-artikolu 1049 Kap. 16;

30. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell ta' l-intimat Carmelo Bonello qed jiġi miċħud ħlief għal dak li jirrigwarda l-lament tiegħu rigward l-interessi li għandu jħallas, u għalhekk id-dispositiv tas-sentenza appellata qed jiġi kkonfermat ħlief għad-data li minnha għandhom jgħaddu l-interessi legali li għandu jħallas l-intimat Bonello billi flok it-2 ta' Diċembru, 1983, id-data għandha tkun it-2 ta' Frar, 1992;

L-ispejjeż ta' l-ewwel grad jibqgħu kif irregolati; dawk ta' dan l-appell għandhom jitħallsu minn Carmelo Bonello għal żewġ terzi (⅔) u terz (⅓) mir-rikorrenti a bażi tad-differenza fl-ammont tad-danni li għandu jħallas wara dan l-appell ipparagunat ma' dak li kellu jħallas qablu;

L-intimat l-ieħor akkwiexxa kompletament għas-sentenza appellata u m'għamel ebda mossa, f'dan l-appell, biex dak li ġara bil-bidla fil-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija, tiġi ċċarat u risoluta minn din il-Qorti – u għalhekk għandu jbati l-ispejjeż tiegħu ta' dan l-appell.